# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2020

**Rikors Numru : 176/2020 JPG**

**Kawza Numru : 1**

**JG**

**Vs**

**SA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JG datat 19 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq. tal-proċess, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu gewwa l-Knisja tal-Bon Pastru, Hal-Lija nhar it-tnax t'Awwissu tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin (12.08.1995) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi l-esponenti sseparat de jure mal-intimat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Ruth Antoinette Antoncich datat tnax ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (12/12/2017) filwaqt li kienet qila separata de facto minn mal-intimat ghal hames (5) snin hekk kif dikjarat fil-kuntratt ta' separazzzjoni liema kuntratt hu hawn anness u mmakat bhala Dok 'B';*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni u cioe Y li twieldet nhar X u M li twieled nhar Y;*

4. *Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati mis-sena elfejn u sbatax (2017) u separati de*

*facto mis-s-sena elfejn u tnax (2012) u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn seba' (7) snin matul l-ahhar hames (5) snin precedent dal-Umli rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterji tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi dwar il-manteniment l-esponenti jiddikjaraw li ai termini tal-Artikolu 8 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni thallset is-somma ta' hmistax il-elf ewro (€15,000) fil-waqt illi ghar-rigward ta' MA minkejja illi l-istess M illum huwa maggorenni stante li l-istess M qaghdu qed jistudja fuq bazi full-time ai termini tal-artiklu 13(1) tal-kuntratt ta' separazzjoni il-missier qaghdu jhallas il-manteniment fis-somma ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:*

1) *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2) *Tordna lir-registratur tal-qrati sabbiex fiz-zmien imholli ghalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-registru pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SA, datata 15 ta' Lulju 2020, a fol 21, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet zzewgu gewwa l-Knisja tal-Bon Pastru, Hal Lija nhar it-tnax t'Awwissu tas-sena elf disa mija hamsa u disghin (12.08.1995) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt t'itfal, Y u M li llum maggoreni.*

2. *Illi l-esponenti jikkonferma illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-nutar Ruth Antoinette Antoncich datat 12/12/2017 huwa issepara minn ma' JG*

*filwaqt illi jikkonferma ukoll illi ilu separat de facto minn mal-istess JG ghall iktar minn hames snin u dan anke kif dikjarat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.*

3. *L-esponenti ukoll jikkonferma illi fir-rigward ta' ibnu M minkejja li dan illum huwa maggorenni ai termini tal-artikolu 13(1) tal-kuntratt ta' separazzjoni huwa qaghdu qed ihallas il-manteniment fis-somma ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar.*

4. *Illi l-esponenti jikkonferma illi ma hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghalkhekk qed jaqbel mat-talba tal-attrici u dan sabiex jigi pronunzkat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

Rat l-affidavits tal-partijiet;

Rat ir-rikors kongunt datat 9 ta' Settembru 2020; (vide fol 28)

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Settembru 2020 li permezz tieghu laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghal-14 ta' Settembru 2020 f'nofsinhar.

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JG** xehdet permezz ta affidavit (fol 17) illi hija iżżewwġet lil SA fit-12 ta' Awwissu 1995 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maggoreni. Xehdet illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar it-12 ta' Dicembru 2017. Xehdet ukoll illi l-manteniment tat-tfal dejjem tħallas u li ma hemm l-ebda arretrati. G sostniet li fir-rigward tal-iben M, l-intimat ghadu qed jghaddi manteniment ta' €300 fix-xahar, stante li dan ghadu qed jistudja full-time. Ikkonfermat di piu, illi mid-data tas-separazzjoni, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama tal-istess.

**SA** xehed permezz ta' affidavit (fol 21) li permezz tieghu ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet JG.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Awwissu 1995 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt tfal, illum it-tnejn li huma magorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Ruth Antoinette Antoncich, datat 12 ta' Dicembru 2017 (vide Dok. B fol 5 et seqq.), filwaqt li sseparaw de facto aktar minn hames snin ilu kif idikkjarat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet stante li dan thallas permezz ta' *lump sum* u l-intimat ghadu jhallas manteniment ta' €300 fix-xahar ghal ibnu M li ghadu qed jistudja.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**